# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru 71**

**Citaz. numru: 163/95 M1 NA**

**Larissa mart Franco Marco sive Marco D'Agata f'isimha proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintha minuri Rebekah D'Agata**

**vs**

**Franco Marco sive Marco D'Agata**

**Il-Qorti,**

Illi b'att ta' citazzjoni pprezentat fit-3 ta' Frar 1995 l-attrici ppremettiet:

Illi hi u zewgha zzewwgu fit-12 ta' Dicembru, 1987;

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla Rebekah D'Agata li llum ghandha sitt snin u qed tghix maghha;

Illi l-hajja konjugali bejn il-konvenut u l-attrici m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, insulti gravi, eccessi, minacci, vjolenza u ngurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici tant illi z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli bi htija unika tal-konvenut;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Awissu, 1994 u liema digriet gie estiz fis-27 ta' Dicembru, 1994;

Illi l-attrici qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejnu u l-imsemmija martu Larissa D'Agata ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. tawtorizza l-istess Larissa D'Agata illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Rebekah D'Agata tigi fdata lill-attrici;

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-martu Larissa D'Agata ghal imsemmija tifla dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici;

5. tapplika interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Srtikoli 48, 50, 51 u 53 tal-Kodici Civili u separatament tordna li l-istess Larissa D'Agata tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. tordna xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali, illi jigu assenjati wahda lil Larissa D'Agata u l-ohra lill-istess konvenut, prevja okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

7. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-istess Larissa D'Agata l-beni kollha dotali u parafernali taghha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk kollha quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kollha kontra l-konvenut.

Il-konvenut baqa' kontumaci u ma deher qatt la ghas-seduti quddiem il-Qorti u anqas quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

Mill-provi li gabet l-attrii jirrizulta illi hi kienet harget tqila qabel iz-zwieg u kien ghalhekk li zzewwget lill-konvenut. Hi dak iz-zmien kellha tmintax-il sena. Fil-bidu taz-zwieg taghhom, l-attrici tispjega illi hi kienet tahdem, izda l-konvenut ma kienx jahdem. Tispjega kif ir-ragel taghha qatt m'ghamel sforz biex isib impjieg u kien jistenna lil xi hadd jsiblu xi impjieg, minkejja li kien kwalifikat. L-attrici waqfet tahdem meta kellha t-tarbija u regghet bdiet tahdem meta t-tifla ghalqet tmien xhur.

Meta zzewwgu l-konvenut kellu erbgha u ghoxrin sena.

L-attrici tistqarr illi fiz-zwieg taghhom hi sofriet abbuz fiziku, kif ukoll mentali. Kemm il-darba kellha tirrikorri ghand il-pulizija sabiex tirrapporta li r-ragel taghha kien vjolenti maghha. Tghid li qatt ma kien vjolenti mal-minuri. Maz-zmien, l-attrici tispjega li r-ragel taghha kien sar aktar vjolenti u kien sahansitra beda jheddidha bil-mewt u kien ghalhekk li bdiet

tibza' toqghod mieghu. Damet tghix mieghu bejn l-1987 sal-1994.

Hafna mill-glied taghhom kien jirrigwarda l-annimali li kien irabbi d-dar taghhom, appartament il-Mosta. Dawn l-annimali kienu fost ohrajn sriep bhal python, boa, klieb bhal pit bull, bull terrier, aghsafar bhal Buzzard, owl, sitt aquariums, erba' igwana u zewg kokodrilli. Uhud minn dawn l-annimali huma perikoluzi u madanakollu, l-attrici tispjega kif il-konvenut kien ihalli lil dawn l-annimali jduru mad-dar u kwazi kwazi kien hadu pussess tad-dar.

L-attrici tispjega kif hi kienet tirrifjuta li tiehu hsieb dawn l-annimali minhabba l-periklu u l-mard, hu minhabba f'hekk ir-ragel taghha kien jisfoga maghha jekk kien imut xi wiehed minnhom.

Imbaghad il-kovenut kien jaghmel ukoll xenati jekk per ezempju kien jasal id-dar u ma jsibx l-ikel lest.

Minhabba c-cirkostanzi li kienet tghix fihom l-attrici kienet telqet mid-dar konjugali diversi drabi, izda mbaghad kienet tmur lura minhabba li kien jheddidha li seta' johdilha t-tarbija.

L-attrici tistqarr li r-ragel taghha qatt ma kellu impjieg flss u kienet thallas il-kontijiet kollha hi. Hu kien izomm il-paga ii kien jaqla' u jonfoqhom fuq l-annimali li kien irabbi d-dar. Hi kienet thallas il-kontijiet tad-dawl, ilma, telephone, karozza, ikel. Il-paga tieghu lanqas kienet isservih u kien jitlobha l-flus, oltre il-paga tieghu, li kien izomm totalment ghalih.

Il-konvenut minflok kien jaghmei hafna telefonati barra minn Malta u dan sabiex igib kelb hawn Malta li inserta kien trux. Ghalhekk sabiex jaghmel il-claim tieghu rega' ghamel hafna overseas calls, li dejjem spiccat hallset ghalihom l-attrici. Sahansitra darba minnhom, l-istess konvenut kien ha loan sabiex jixtri u jrabbi tigieg, fniek u xi annimali esotici.

Bhala manteniment il-konvenut ighaddi Lm60 flx-xahar bhala manteniment ghal bintu Rebekkah. Hi qed titlob ukoll li l-ispejjes tat-tifla ghandhom jinqasmu bin-nofs, u kienet tkellmet mieghu dwar dan il-fatt, izda ghalkemm kien accetta qatt ma kkontribwixxa ghal dawn l-ispejjes, partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-fees ghal-lezjonijiet taz-zfln li tiehu t-tifla.

Dwar l-access l-attrici tispjega illi l-konvenut ghandu access ghal bintu kull nhar ta' Tlieta bejn l-5.00 pm sas-7.00 pm u kull nhar ta' Gimgha bejn l-5.00 pm u t-8.00 pm u weekened iva u l-iehor le u ghalhekk f'dak il-weekend meta l-minuri tkun ghand il-missier jehodha miil-Gimgha fil-5.00 pm sal-Hadd fls-7.00 pm.

Fis-sajf peress li jispicca x-xoghol kmieni jehodha mis-1.00 pm sas-7.30 pm.kull nhar ta' Tnejn u l-Gimgha.

Fil-Milied u l-Ghid jehodha ghal gimgha shiha u anki fls-Sajf. L-attrici tispjega li hi ma ssibx problema li l-konvenut ghandu dan l-access, pero' ii jinkwietha u l-fatt li l-minuri giet mcahhda mill-kamra tas-sodda taghha fl-appartament fejn qed ighix missierha u ghalhekk qed ikollha torqod ma' missierha fil-weekend. Il-preokkupazzjoni tal-omm hija li dina t-tifla qed tikber u mhux qed ikollha l-privatezza taghha u sakemm ma jaghmilx xi haga biex jillibera l-kamra tal-minuri li toggezzjona ghal fatt li torqod ghand missierha. Il-kamra tas-sodda taghha hija mimlija b'hamsters u grieden u dan sabiex iservu bhala ikel ghas-sriep li jrabbi missierha.

L-attrici spjegat ii hi ghandha paga ta' Lm300 fix-xahar, hi minnhom thallas Lm259 skola ghat-tifla u l-pagament isir kull tlett xhur u Lm54 kull tlett xhur ghal lezzjonijiet taz-zfin, li kull sena jizdiedu.

Tispjega li bhala spejjes ghal hwejjeg ma tantx tista' taffordja u ghalhekk tixtri sizes akbar sabiex iservu jew inkella jkunu second hand.

Hemm imbaghad spejjes ta' Lml00 flx-xahar ghal ikel u kontijiet.

Xehdu ukoll Sophia D'Anastasi u Monique Gatt, li kollha kkonfermaw il-provi prodotti mill-attrici.

Xehed ukoll Jean Claude Cardona, financial controller ta' Sedqa, ii kkonferma li l-konvenut jahdem mas-Sedqa full time u ghandu paga ta' Lm4476.99, madwar Lm400 gross paga flx-xahar. Ma jahdimx overtime ghaliex minflok kien qed jinghata "time off in lieu."

Gie ukoll ikkonfermat li l-hin li jahdem l-konvenut huwa wiehed flessibbli u jista' jahdem skond il-bzonnijiet u necessitajiet tal-kumpanija.

Xehed ukoll ir-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija ii esebixxa d-diversi rapporti li kienet ghamlet l-attrici.

Minn dawn il-provi l-Qorti tista' tasal ghall-konkluzzjonijiet segwenti:

1. ma hemmx dubbju li jezistu ragunijiet sufficjenti biex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. ma jidhirx illi hemm xi problema serja fir-rigward ta' l-access ghall-minuri bl-istess attrici konsapevoli li dan huwa wkoll fl-ahjar interess tal-minuri hlief li, gustament tinsisti, illi biex il-minuri tkompli torqod ma' missierha, ukoll kif miftiehem, u peress illi kienet qed tikber kellu jkollha l-kamra tas-sodda taghha;

3. mill-introjtu tal-konvenut jidher illi l-kontribut illi qed jaghmel ghall-manteniment tal-minuri jista' u ghandu jigi

awmentat partikolarment meta mis-Lm60 mhuwiex qed jikkontribwixxi ghall-ispejjes edukattivi tal-minuri (li jinkludu wkoll il-lezzjonijiet ta' l-isfin) u li huma pjuttost sostanzjali meta wiehed iqis l-introjtu ta' l-attrici;

4. ma ngabu ebda provi konkreti dwar l-entita' tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dwar l-oggetti dotali u parafernali ta' l-attrici u ghalhekk f'dan ir-rigward il-provvedimenti tal-Qorti jistghu jkunu biss generici u limitati.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tiddeciedi din il-kawza billi:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-konvenut u l-imsemmija martu attrici ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. tawtorizza l-istess attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. tordna illi l-kura u kustodja tat-tifla minuri Rebekah D'Agata bint il-konvenut u l-imsemmija martu tigi fdata lill-istess attrici Larissa D'Agata u minkejja illi ma kellha

ebda talba specifika f'dan is-sens, fl-interess suprem tal-minuri, takkorda access lill-konvenut fil-hinijiet u granet kif xehdet dwarhom l-attrici nkluz f'dawk il-granet fejn il-minuri ghandha torqod ma' missierha l-konvenut. L-access ta' l-irqad pero' huwa sospiz sakemm il-konvenut ma jipprovdiex kamra tas-sodda separata li fiha tkun tista' torqod l-istess tifla minuri;

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-martu Larissa D'Agata ghall-imsemmija tifla retta alimentari fl-ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar ghal bzonnijiet ta' kuljum tal-minuri u hamsin lira Maltin (Lm50) ohra fix-xahar bhala l-kontribut tieghu ghall-ispejjez edukattivi ta' l-istess minuri;

5. tapplika interament id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 50, 51 u 53 tal-Kodici Civili u tordna illi Larissa D'Agata tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. tordna xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti pero' ghar-ragunijiet fuq moghtija tastieni

milli tipprovdi ulterjorment dwar din it-talba b'rizerva favur l-attrici ghal kull azzjoni ohra fir-rigward;

7. b'mod generiku tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-istess Larissa D'Agata l-beni kollha dotali u parafernali taghha wkoll b'riserva favur l-attrici ghal kull azzjoni ohra fir-rigward.

L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.